

Brussell, 8 ta' Mejju 2020  
(OR. en)

7887/20

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0082(CNS)**

---

**FISC 104  
ECOFIN 290**

## PROPOSTA

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	8 ta' Mejju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 198 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995 f'dak li jirrigwarda d-dati tat-traspożizzjoni u tal-applikazzjoni minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 198 final.

Mehmuż: COM(2020) 198 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 8.5.2020  
COM(2020) 198 final

2020/0082 (CNS)

Proposta għal

### **DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995 f'dak li jirrigwarda d-dati tat-traspożizzjoni u tal-applikazzjoni minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Fil-5 ta' Diċembru 2017, il-Kunsill adotta d-Direttiva (UE) 2017/2455<sup>1</sup> ("id-Direttiva dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku") li temenda d-Direttiva 2006/112/KE<sup>2</sup> ("id-Direttiva tal-VAT") u d-Direttiva 2009/132/KE<sup>3</sup> fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti.

Fil-21 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta d-Direttiva (UE) 2019/1995<sup>4</sup> ("it-tieni Direttiva dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku") li temenda d-Direttiva tal-VAT fir-rigward tad-dispożizzjonijiet relatati mal-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija.

Id-data tal-applikazzjoni tal-parti l-kbira ta' dan il-pakkett komprensiv ta' leġislazzjoni dwar l-immodernizzar tal-VAT għal kummerċ elettroniku transfruntier B2C ("pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku") ġiet iffissata għall-1 ta' Jannar 2021, li kienet tagħti biżżejjed żmien lill-Istati Membri biex jadattaw il-leġiżlazzjoni u s-sistemi tal-IT tagħhom.

Fl-14 ta' Frar 2020 il-Kummissjoni ppreżentat is-sitwazzjoni attwali tat-tlestija tal-Istati Membri, fejn il-maġġoranza tal-Istati Membri kkonfermaw li jkunu f'pożizzjoni li japplikaw ir-regoli sal-iskadenza. Żewġ Stati Membri ressqu t-tħassib tagħhom u talbu posponiment ta' sena jew iżjed tad-data tad-dħul fis-seħħ. Il-Kummissjoni offriet l-għajna biex jgħidbu l-ostakli lil dawk l-Istati Membri li kienu qed isibu d-diffikultà, u esprimiet li kienet għadha fiduċjuża li l-Istati Membri se jkunu lesti sal-1 ta' Jannar 2021.

Madankollu, minħabba l-kriżi mhux mistennija kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19 u l-impatt kbir tagħha, l-Istati Membri kellhom jibdlu l-prijoritajiet tagħhom u jirriallokaw ir-riżorsi tagħhom mill-implimentazzjoni tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku, għall-ġlieda kontra din il-pandemija. Għaldaqstant, l-Istati Membri l-oħra ma jistgħux jibqgħu jagħtu garanzija li se jkunu jistgħu jiffinalizzaw ix-xogħol ta' tħejjija biex japplikaw ir-regoli l-ġodda, fosthom traspożizzjoni f'waqtha tad-Direttivi msemmija qabel fil-liġi nazzjonali, sal-1 ta' Jannar 2021. Hemm riskju serju li s-sistema tal-IT fil-livell nazzjonali, meħtieġa għall-implimentazzjoni tar-regoli l-ġodda dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku tiddewwem u b'hekk jinħoloq il-periklu li ħafna Stati Membri mhux se jkunu lesti japplikaw ir-regoli l-ġodda mill-1 ta' Jannar 2021. Tqajjem tħassib simili mill-operaturi ekonomiċi ewlenin, b'mod speċjali mill-operaturi tas-servizzi postali u tal-kurrieri, li ħeġġew lill-Kummissjoni biex tipposponi b'sitt xhur id-data tal-applikazzjoni tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku minħabba l-kriżi tal-COVID-19.

Il-Kummissjoni għamlet laqgħa mal-Istati Membri fl-24 ta' April 2020 biex tivvaluta l-istat ta' tħejjija tagħhom biex japplikaw ir-regoli l-ġodda mill-1 ta' Jannar 2021. Il-maġġoranza tal-

<sup>1</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7).

<sup>2</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

<sup>3</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2009/132/KE tad-19 ta' Ottubru 2009 li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 143(b) u (c) tad-Direttiva 2006/112/KE dwar l-eżenzjoni mit-taxxa fuq il-valur miżjud fuq l-importazzjoni finali ta' ċerti oġġetti (ĠU L 292, 10.11.2009, p. 5).

<sup>4</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995 tal-21 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' dispożizzjonijiet li jirrelataw ma' bejgħ mill-bogħod ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija (ĠU L 310, 2.12.2019, p. 1–5).

Istati Membri xorta waħda kkonfermaw li se jkunu lesti li japplikawhom fil-ħin, iżda enfasizzaw li d-dispożizzjonijiet dwar il-funzjonament tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku huma bbażati fuq il-prinċipju li l-Istati Membri kollha jridu jkunu f'pożizzjoni li japplikawhom tajjeb, u li għaldaqstant ikunu lesti li jaqblu ma' posponiment ta' mhux aktar minn sitt xhur.

Filwaqt li jiġi kkunsidrat dan ta' hawn fuq, l-objettiv ta' din il-proposta huwa li tiġi posposta b'sitt xhur id-data tal-1 ta' Jannar 2021 tal-applikazzjoni tal-emendi stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 u tad-Direttiva (UE) 2019/1995. Għalhekk, id-data l-għdida tal-applikazzjoni għandha tkun l-1 ta' Lulju 2021. Ġie ssuġġerit posponiment għal sitt xhur għaliex id-dewmien għandu jinżamm qasir kemm jista' jkun biex jitnaqqas kemm jista' jkun aktar telf mill-baġits tal-Istati Membri.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam tal-politika**

L-objettiv ġenerali ta' din il-proposta huwa l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern, il-kompetittività tan-negozju tal-UE, u l-bżonn li l-ekonomija diġitali tkun intaxxata b'mod effikaċi. Il-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku huwa konsistenti mal-applikazzjoni fil-futur tal-prinċipju tad-destinazzjoni għall-VAT kif stabbilit fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT appoġġat mill-Kunsill<sup>5</sup>.

Minbarra l-Pjan ta' Azzjoni dwar il-VAT, il-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku ġie identifikat bħala inizjattiva ewlenija fl-Istrateġija għal Suq Uniku Diġitali<sup>6</sup> ("l-Istrateġija DSM"), kif ukoll fl-Istrateġija għal Suq Uniku<sup>7</sup> u fil-Pjan ta' Azzjoni dwar il-Gvern Elettroniku<sup>8</sup>.

## 2. **BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- **Bażi ġuridika**

Il-proposta hija bbażata fuq l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-TFUE). Dan l-Artikolu jipprevedi li l-Kunsill, filwaqt li jaġixxi b'mod unanimu skont proċedura leġislattiva speċjali u wara li jkun ikkonsulta mal-Parlament Ewropew u mal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, jadotta dispożizzjonijiet għall-armonizzazzjoni tar-regoli tal-Istati Membri fil-qasam tat-tassazzjoni indiretta.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Din il-proposta tipposponi d-data tal-1 ta' Jannar 2021 tal-applikazzjoni tad-Direttivi dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku li ġew adottati mill-Kunsill f'Diċembru tal-2017 u f'Novembru 2019 u jridu jiġu trasposti fil-liġi nazzjonali sal-31 ta' Diċembru 2020 mill-Istati Membri kollha. Din il-proposta qed issir b'konsegwenza tal-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19, u b'reazzjoni għaliha, u minħabba l-isfidi li qegħdin jiffaċċaw l-Istati Membri fil-livell nazzjonali biex jiġġieldu din is-sitwazzjoni ta' emerġenza attwali, li lil xi wħud minnhom qed tikkawżalhom diffikultà biex jiggerantixxu l-implimentazzjoni f'waqtha tal-bidliet meħtieġa fis-sistemi tal-IT domestiċi. Id-dispożizzjonijiet dwar il-funzjonament tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku huma bbażati fuq il-prinċipju li kull Stat Membru jenħtieġ li jkun f'pożizzjoni li japplikawhom b'mod korrett.

<sup>5</sup> <http://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2016/05/25-conclusions-vat-action-plan/>

<sup>6</sup> COM(2015) 192 final.

<sup>7</sup> COM(2015) 550 final.

<sup>8</sup> COM(2016) 179 final.

Billi l-VAT hija taxxa armonizzata fil-livell tal-UE, l-Istati Membri ma jistgħux jagħmlu regoli differenti għal rashom. Għalhekk, kull inizzjattiva biex jiġu emendati r-regoli tal-VAT għall-kummerċ elettroniku, fosthom il-bidla tad-data tal-applikazzjoni, teħtieġ proposta mill-Kummissjoni biex tiġi emendata d-Direttiva tal-VAT u ma tistax tinkiseb permezz ta' azzjonijiet unilaterali fil-livell nazzjonali.

Għaldaqstant, il-proposta hija konsistenti mal-prinċipju tas-sussidjarjetà.

- **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konsistenti mal-prinċipju tal-proporzjonalità, jiġifieri ma tmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħqu l-għanijiet tat-TFUE, b'mod partikolari l-funzjonament bla xkiel tas-suq uniku. Fil-każ tat-test tas-sussidjarjetà, mhuwiex possibbli li l-Istati Membri jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet mingħajr proposta li jiġi emendat ir-Regolament tal-Kunsill dwar il-kooperazzjoni amministrattiva.

- **Għażla tal-istrument**

Il-proposta temenda d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995/UE. Għal dan il-għan ġiet magħżula Deċiżjoni tal-Kunsill, minħabba li l-unika emenda li saret hija l-posponiment tad-dati tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Diversi Stati Membri, operatori tas-servizzi postali u kurriera kkuntattjaw lill-Kummissjoni biex jenfasizzaw li wisq probabbli s-sistemi tal-IT tagħhom mhux se jilħqu jkunu lesti jew operazzjonali għall-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-pakkett tal-kummerċ elettroniku tal-VAT sal-1 ta' Jannar 2021 minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19.

Il-Kummissjoni għamlet laqgħa mal-Istati Membri fl-24 ta' April 2020 biex tivvaluta l-istat ta' tħejjija tagħhom biex japplikaw ir-regoli l-ġodda mill-1 ta' Jannar 2021. Il-maġġoranza tal-Istati Membri xorta waħda kkonfermaw li se jkunu lesti li japplikawhom fil-ħin, iżda enfasizzaw li d-dispożizzjonijiet dwar il-funzjonament tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku huma bbażati fuq il-prinċipju li l-Istati Membri kollha jridu jkunu f'pożizzjoni li japplikawhom tajjeb, u li għaldaqstant ikunu lesti li jaqblu ma' posponiment ta' mhux aktar minn sitt xhur.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Twettqet valutazzjoni tal-impatt tal-proposta<sup>9</sup> li wasslet għall-adozzjoni tad-Direttiva dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku. Il-proposta attwali temenda biss id-dati tal-applikazzjoni tal-emendi stabbiliti fid-Direttiva (UE) 2017/2455 u d-Direttiva (UE) 2019/1995 minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19.

---

<sup>9</sup> DOKUMENT TA' ĦIDMA TAL-PERSUNAL TAL-KUMMISSJONI VALUTAZZJONI TAL-IMPATT li jakkumpanja lid-dokument Proposti għal Direttiva tal-Kunsill, Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill u Regolament tal-Kunsill dwar l-Immodernizzar tal-VAT għall-Kummerċ Elettroniku transfruntier mill-impriża għall-konsumatur (B2C), <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=SWD:2016:0379:FIN>

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

L-għan ewlieni ta' din il-proposta hu li tiġi posposta d-data tal-applikazzjoni tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku b'sitt xhur minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19.

Il-proposta ma tibdilx is-sustanza tar-regoli, iżda kemm tipposponi d-data tal-applikazzjoni tagħhom.

#### **4. IMPLIKAZZJONIJIET GĦALL-BAGĦIT**

Din il-proposta tagħmel parti mill-proġett għall-posponiment tad-data tal-applikazzjoni tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku.

L-implikazzjonijiet baġitarji tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku kollu, li diġà huwa adottat, huma stabbiliti fid-dettall fil-memorandum ta' spjegazzjoni tal-proposta għad-Direttiva tal-Kunsill 2017/2455, id-dokument COM(2016)757 final<sup>10</sup>.

It-telf mill-baġits tal-Istati Membri huwa stmat għal madwar EUR 5 sa 7 biljun fis-sena jekk il-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku ma jiġix implimentat b'suċċess. Għaldaqstant, dewmien ta' sitt xhur jikkawża telf ta' madwar EUR 2,5 sa 3,5 biljun. Madankollu, jekk l-Istati Membri u n-negozji ma jkunux lesti li japplikaw ir-regoli l-ġodda tal-VAT għall-kummerċ elettroniku, ir-riskju li s-sistema ma taħdimx sew jista' jikkawża kważi l-istess ammont ta' telf.

#### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-ewalwazzjoni u r-rappurtar**

L-implimentazzjoni ser tiġi ssorveljata mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kooperazzjoni Amministrattiva (SCAC), appoġġat mis-sottokumitat tal-IT tiegħu, il-Kumitat Permanenti dwar it-Teknoloġija tal-Infurmazzjoni (SCIT).

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Din il-proposta tikkonċerna biss id-data tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li diġà huma adottati dwar il-kooperazzjoni amministrattiva tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku stabbiliti fid-Direttiva tal-VAT. Id-data tal-applikazzjoni għandha tiġi posposta b'sitt xhur. Dan ifisser li d-dispożizzjonijiet għandhom jiġu applikati mill-1 ta' Lulju 2021 minflok fl-1 ta' Jannar 2021. Konsegwentement, l-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw il-miżuri ta' traspożizzjoni tagħhom sat-30 ta' Ġunju 2021 minflok sal-31 ta' Diċembru 2020.

Ir-raġuni għal din il-proposta hija l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19, li ħolqot pressjoni fuq l-Istati Membri biex jirreaġixxu minnufih u jadottaw miżuri urġenti f'livell nazzjonali biex itaffu l-konsegwenzi tal-kriżi għan-negozji u għall-popolazzjoni ġenerali. Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali mingħajr preċedent, bosta Stati Membri mhumiex se jkunu jistgħu jiggarrantixxu li jilħqu l-iskadenza għat-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni

<sup>10</sup> Proposta għal DIRETTIVA TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' prodotti  
COM/2016/0757 final - 2016/0370 (CNS), <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1586260266830&uri=CELEX:52016PC0757>

tar-regoli meħtieġa tal-pakkett dwar il-VAT għall-kummerċ elettroniku f'livell nazzjonali sal-1 ta' Jannar 2021.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995 f'dak li jirrigwarda d-dati tat-traspożizzjoni u tal-applikazzjoni minħabba l-kriżi kkawżata mit-tifqigħa tal-COVID-19**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 113 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew<sup>1</sup>,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew<sup>2</sup>,

Filwaqt li jaġixxi f'konformità ma' proċedura leġiżlattiva speċjali,

Billi:

- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE<sup>3</sup> kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455<sup>4</sup> u d-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995<sup>5</sup> tistabbilixxi l-qafas legali tal-pakkett ta' leġiżlazzjoni dwar Immodernizzar tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għall-kummerċ elettroniku transfruntier mill-impriża għall-konsumatur (B2C). Il-maġġoranza ta' dawn id-dispożizzjonijiet ġodda jridu jiġu applikati mill-1 ta' Jannar 2021.
- (2) Fit-30 ta' Jannar 2020 l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (id-WHO) iddikjarat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala emerġenza tas-saħħa pubblika ta' tħassib internazzjonali. Fil-11 ta' Marzu 2020, id-WHO ddikjarat it-tifqigħa tal-COVID-19 bħala pandemija. Il-COVID-19 issa pprovokat infezzjonijiet fl-Istati Membri kollha. Minħabba ż-żieda allarmanti fl-għadd ta' każijiet, u n-nuqqas tad-disponibbiltà immedjata ta' mezzi effiċjenti biex jittrattaw it-tifqigħa tal-COVID-19, bosta Stati Membri ddikjaraw stat ta' emerġenza nazzjonali.

---

<sup>1</sup> ĠU C , , p. .

<sup>2</sup> ĠU C , , p. .

<sup>3</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).

<sup>4</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2017/2455 tal-5 ta' Diċembru 2017 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE u d-Direttiva 2009/132/KE fir-rigward ta' ċerti obbligi tat-taxxa fuq il-valur miżjud għall-provvisti ta' servizzi u għall-bejgħ mill-bogħod ta' oġġetti (ĠU L 348, 29.12.2017, p. 7).

<sup>5</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2019/1995 tal-21 ta' Novembru 2019 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' dispożizzjonijiet relatati ma' bejgħ b'distanza ta' merkanzija u ċerti provvisti domestiċi ta' merkanzija (ĠU L 310, 2.12.2019, p. 1).



- (3) Il-kriżi kkważata mit-tifqigħa tal-COVID-19 tikkostitwixxi emerġenza mhux mistennija u bla preċedent li taffettwa ħafna lill-Istati Membri kollha u għegħelhom jieħdu l-azzjoni minnufih fil-livell nazzjonali biex itaffu l-kriżi attwali bi prijorità billi jirriallokaw ir-riżorsi lejn kwistjonijiet oħra. Minħabba din il-kriżi, bosta Stati Membri qed jiffaċċaw diffikultà biex jiffinalizzaw l-iżvilupp tas-sistemi tal-IT li huma meħtieġa biex jiġu applikati r-regoli stabbiliti fid-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995 sal-31 ta' Diċembru 2020 u japplikawhom mill-1 ta' Jannar 2021. Xi Stati Membri kif ukoll operatori postali u kurriera għalhekk talbu l-posponiment tad-dati tal-applikazzjoni tad-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995.
- (4) Meta wieħed iqis l-isfidi li qegħdin jiffaċċaw l-Istati Membri biex jiġġieldu l-kriżi tal-COVID-19, u l-fatt li d-dispożizzjonijiet il-ġodda huma bbażati fuq il-prinċipju li l-Istati Membri kollha jridu jaġġornaw is-sistemi tal-IT tagħhom biex ikunu jistgħu japplikaw id-dispożizzjonijiet stipulati fid-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995, biex b'hekk jiżguraw il-ġbir u t-trażmissjoni tal-informazzjoni u l-pagamenti skont l-iskemi modifikati, jeħtieġ li d-dati tat-traspożizzjoni u l-applikazzjoni ta' dawk id-Direttivi jiġu posposti b'sitt xhur. Il-posponiment ta' sitt xhur huwa xieraq għaliex jenħtieġ li d-dewmien jinżamm qasir kemm jista' jkun biex jitnaqqas kemm jista' jkun aktar telf mill-baġits tal-Istati Membri.
- (5) Id-Direttivi (UE) 2017/2455 u (UE) 2019/1995 għalhekk jenħtieġ li jiġu emendati skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*  
*Emendi għad-Direttiva (UE) 2017/2455*

Id-Direttiva (UE) 2017/2455 hija emendata kif ġej:

- (1) L-Artikolu 2 huwa emendat kif ġej:
  - (a) l-intestatura hija sostitwita b'dan li ġej:

*"Emendi għad-Direttiva 2006/112/KE b'effett mill-1 ta' Lulju 2021";*

- (b) is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"B'effett mill-1 ta' Lulju 2021, id-Direttiva 2006/112/KE hija emendata kif ġej:";

- (2) L-Artikolu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 3*  
*Emenda għad-Direttiva 2009/132/KE*

B'effett mill-1 ta' Lulju 2021, jitħassar it-Titolu IV tad-Direttiva 2009/132/KE.";

- (3) fl-Artikolu 4, il-paragrafu 1 huwa emendat kif ġej:
  - (a) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw, sat-30 ta' Ġunju 2021, , il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw mal-Artikoli 2 u 3 ta' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet.";

(b) ir-raba' subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Għandhom japplikaw il-miżuri neċessarji sabiex jikkonformaw mal-Artikoli 2 u 3 ta' din id-Direttiva mill-1 ta' Lulju 2021.";

#### *Artikolu 2*

#### *Emendi għad-Direttiva (UE) 2019/1995*

Fl-Artikolu 2(1) tad-Direttiva (UE) 2019/1995, l-ewwel u t-tieni subparagrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

"L-Istati Membri għandhom jadottaw u jipubblikaw il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji, sa mhux iktar tard mit-30 ta' Ġunju 2021, sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni minnufih.

Għandhom japplikaw dawk il-miżuri mill-1 ta' Lulju 2021.

#### *Article 3*

#### *Dħul fis-seħħ*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### *Article 4*

#### *Destinatarji*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*